# IL-WERŻIEQ

*Ta'* Bro. HENRY F.S.C.

Fuq siġra, taħt ġebla,
Fil-qilla tax-xemx;
Isemma' dik l-għanja
Li jridha ma ttemmx.

Issibu f'kull naħa
Tal-Gżejjer Maltin;
U medhi f'imħabbtu
Iberbaq il-ħin.

Għanjietu qawwija
'Ma nieqsa mill-ġmiel;
Itenni fid-dija
B'imħabba, bla xkiel.

Kif tersaq ma' ġenbu
Dlonk jiskot, jistrieħ;
Kif terġa' fuq triqtek
Jissokta, ferrieħ.

Min f'ħaġa, min f'oħra,
Ilkoll bħall-werżieq;
Xi tgħid kieku nagħżlu
Is-sewwa mixtieq?

Dik l-għanja ta' ħajtu
Iroddha u jmut;
'Ma qabel itemmha
Jittama...... mikdud.